**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Roland, Marisa u Naomi Mifsud

vs

Xlendi Hotel & Spa

CCT G/ 10/17/MS

16 ta' Marzu 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrenti fis-27 ta' Septembre 2017 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' tlett mija u hamsin Euro (€350.00) bhala kumpens ghall-mawra fil-lukanda intimata, liema mawra ma kenitx kif giet imwieghda mill-istess lukanda.

Ra illi l-azjenda intimata, giet notifikata bl-avviz fid-29 ta' Settembru 2017 izda ma dahhlet l-ebda risposta u lanqas ma dehret quddiem it-Tribunal meta l-kawza kienet appuntata ghas-smigh.

Sema' x-xhieda ta' Roland Mifsud bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'xi zmien qabel Ottubru 2016 ir-rikorrenti bbukjaw vaganza Ghawdex fil-lukanda intimata ghall-prezz ta' €664.00 sussegwentement ridott ghall-€446.00 ghal erba persuni/ tlett iljieli.

Illi meta marru fil-lukanda, r-rikorrenti riskontraw diversi nuqqasijiet kif jidher elenkat fl-avviz promotur. Peress illi ma hadu l-ebda sodisfazzjoni mill-lukanda intimata, wara li talbu lil MCCAA adixxew lil dan it-Tribunal ghall-kumpens li dehrilhom xieraq.

Peress illi l-azjenda intimata ma wegbitx ghat-talba tar-rikorrenti, dan it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni il-ghala m'ghandux joqghod fuq il-versjoni tar-rikorrenti li kien hemm diversi nuqqasijiet fil-lukanda imsemmija.

Ir-rikorrenti mhumiex qed jitolbu r-rifuzjoni tal-ammont shih li hallsu peress illi ghamlu uzu mill-lukanda xorta wahda.

It-Tribunal, filwaqt illi jidhirlu li haqqhom kumpens, mhux pero' fl-ammont mitlub, izda jiffissa arbitrio bono viri l-ammont ta' mija u hamsin Euro.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-azjenda intimata li tirrifondi l-ammont ta' mija u hamsin Euro.

Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru